# Il-Ġlieda bejn it-Tajjeb u l-Ħażin



Ħellow tfal!

Reġa' wasal xahar ieħor u b'hekk qed nerġgħu niltaqgħu f'din ir-rokna ddedikata apposta għalikom it-tfal. Dan ix-xahar ukoll ser nghidilkom storja qasira oħra. Darba waħda kien hemm in-nannu Ninu li kien qed jirrakkonta lil Timmy, li hu n-neputi tiegħu, dwar il-battalja li jkun hemm ġo kull bniedem. ''Ibni,'' qal ix-xwejjaħ, "Il-battalja hija bejn żewġt ilpup li hemm ġo kull wieħed u waħda minna.'' Wieħed minn dawn l-ilpup jismu **ĦAŻEN**. Dan huwa r-rabja, l-għira, id-dwejjaq, il-ġlied, il-mibegħda, il-gideb, l-egoiżmu u n-nuqqas ta' paċenzja.

Il-lupu l-ieħor huwa t-**TJUBIJA**. Dan huwa l-ferħ, il-paċi, l-imħabba, it-tama, is-serenita', il-ħbiberija, il-ħniena, is-smigħ, il-ġenerożita', il-verita', il-fidi. Timmy qagħad jaħseb ftit fuq dak li kien qallu n-nannu Ninu u mbagħad staqsa, ''Liema lupu jirbaħ f'din il-battalja?'' L-anzjan wieġeb bla tlaqliq, 'Dak il-lupu li int l-aktar tagħtih jiekol…''

Wara li din l-istorja tajjeb li nirriflettu ftit aħna wkoll bħal ma għamel Timmy. Tajjeb insaqsu lilna nfusna, aħna liema lupu qed nitimgħu l-aktar? Dak li jismu Ħażen jew dak il-lupu li jismu Tjubija? Tfal, f'dan ix-xahar ser jibda r-Randan u għalhekk tajjeb biex jekk forsi bla ma taf qed titma' lill-Ħażen tara fejn tista' tirranġa. Tagħmel sagrifiċċju u tkun dejjem ta' eżempju tajjeb lejn ħaddieħor u tibda turi aktar dak il-lupu li jismu Tjubija. Kemm hu sabiħ li dejjem nuru ferħ, paċi, imħabba u tama lejn xulxin. Għandna nuru wkoll ħbiberija, ħniena, verita' u nkunu onesti ma' xulxin. Importanti li nkunu minn ta' quddiem biex nuru ġenerożita lejn xulxin. B'hekk minbarra li Ġesu' jieħu gost bina, kulħadd jieħu pjaċir bikom. Tfal, nawguralkom! U jalla dejjem ikollkom il-lupu tat-Tjubija magħkom.



*Marie Claire Sammut*